22 ta' Dicembru 2022

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
22 DEC 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**
PO Box 172,
Marsa, Malta

Sinjur/a,

*Numru tal-applikazzjoni: PC/22/22*

*Applikant: Daniel Haber*

*Deskrizzjoni: Creation of a public pedestrian cul-de-sac as an extension to the current schemed road with a comprehensive plan for the provision of parking facilities at ground floor level along with accesses to the overlying dwellings*

Nikteb ghan-nom ta' **Louis John Vella**, karta tal-identita' numru 22587(G) u **Anne Marie Farrugia**, karta tal-identita' numru 22989(G) ta' c/o 44, Triq San Bert, Xewkija, Ghawdex u naghmel referenza ghad-decizjoni tal-Executive Council fi hdan l-Awtorita tal-Ippjanar tat-22 ta' Novembru 2022 ai termini ta' liema l-applikazzjoni fuq imsemmija giet approvata.

Bil-prezenti, l-istess Louis John Vella u Anne Marie Farrugia qed jappellaw minn din id-decizjoni u mill-permess relattiv, u dana wara illi lura fl-24 ta' Mejju 2022 huma kien ghamlu *representation*/oggezzjoni u kienu gew ghalhekk ammessi f'dik il-procedura.

L-aggravju tal-mittenti huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1) Fin-nuqqas illi tigi segwita l-procedura stabbilita mil-ligi izda wkoll il-principji ta' gustizzja naturali in kwantu l-mittenti la ma gew infurmati bil-progress u bl-andament tal-imsemmija procedura u wisq anqas bil-laqgha li ssejhet fl-imsemmija data tat-22 ta' Novembru 2022 u matul liema laqgha giet diskussa u eventwalment approvata l-applikazzjoni in kwestjoni. Il-mittenti kellhom kull jedd illi jigu infurmati b'dan kollu (u da parti taghha l-Awtorita kienet obbligata taghmel dan), anke sabiex huma jkunu jistghu jippartecipaw u jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom; u n-nuqqas illi jsir dan kollu jrendi d-decizjoni attakkata wahda nulla u/jew monka;

2) Fil-mertu mbaghad, u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-mittenti jikkontendu illi l-applikazzjoni *de quo* ma kellha qatt tigi approvata, u dana ghal numru ta' ragunijiet; kollox skont m'hu ser jirrizulta fit-trattazzjoni ta' dan l-appell. Fost dawn hemm is-segwenti, u senjatament:

a) Illi l-linja tat-triq kif prezentement ezistenti (cioe, qabel l-approvazzjoni tal-PC in kwestjoni) hija r-rizultat ta' "PC application" illi saret fuq sponta tal-Awtorita tal-Ippjanar stess ftit tas-snin ilu. Din kienet saret precizament bil-ghan illi linja tat-triq anomala setghet tigi rektifikata kif fil-fatt sar. L-studji kollha li kellhom bzonn isiru effettivament saru fl-ipprocessar ta' dik l-applikazzjoni u huwa ovvju illi l-linja tat-triq li rrizultat in segwitu ghal dak kollu (cioe, dik prezentement ezistenti) kienet l-aktar wahda ekwa u ideona fic-

cirkostanzi. Kieku zgur li l-Awtorita ma kinitx ser tistabiliha. Wiehed isibha ghalhekk difficli jifhem x'kienet il-htiega wara din l-applikazzjoni l-gdida. Dan apparti illi l-applikant ma ressaq l-ebda raguni ghaliex tali linja ghandha issa tinbidel ghal dik illi qed tigi issa proposta minnu (u li giet issa effettivament approvata fil-permess attakkat).

b) Illi l-PC li giet approvata ser tohloq numru ta' anomaliji. Hekk perezempju, fil-PC originali kien hemm provvediment ghal *turning circle*, li fil-fatt sar. Il-pedestrian area illi giet issa approvata bis-sahha tal-PC attakkat ser iwassal biex din il-*pedestrian area* taghti ghal fuq *roundabout*!

c) Illi l-lijna tat-triq li qed tigi proposta ser twassal ghal zvilupp bla razan li ser jestendi lil'hinn mit-30 metru mil-linja tat-triq prezentement ezistenti. Dan ukoll meta wiehed jikkunsida illi is-sit in kwestjoni huwa fil-qalba tar-rahal, ftit biss il-boghod mill-Knisja Parrokkjali relattiva u miz-zona ta' konservazzjoni urbana. Il-konfigurazzjoni tas-siti li jaghtu ghal fuq din il-PC ser iwasslu wkoll ghal numru ta' blank party walls li ser ikunu jidhru mill-qalba tar-rahal stess. Dan, flimkien mal-fatt illi bhal donnha l-PC attakkata giet approvata minghajr ma nghata piz lil dik antika, ser johloq *cumulative impact* ladarba jsir l-izvilupp kollu illi issa ser ikun jista' jsir bis-sahha tal-PC li giet issa approvata.

**Ghaldaqstant** u ghal dawn ir-ragunijiet, u ghal dawk ir-ragunijiet kollha li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, il-mittenti jitolbu bir-rispett illi dana l-Onorabbli Tribunal joghogbu jhassar u jirrevoka d-decizjoni attakkata u jichad l-applikazzjoni relattiva.

Illi in kwantu ghal xhieda, l-esponenti jirriservaw il-jedd taghhom li jressqu s-segwenti xhieda:

1) L-esponenti stess ghall-ispjegazzjoni u konferma tal-fatti dikjarati;
2) Membri, haddiema u rapprezentanti tal-Awtorita tal-Ippjanar u tal-Executive Council sabiex jixhdu dwar fatti rilevanti ghall-kaz sa fejn jafu huma;
3) Terzi illi ghandhom proprjeta fiz-zona li ser tigi affetwata bl-applikazzjoni in kwestjoni;
4) Consultees illi saret konsultazzjoni maghhom fil-mori tal-process in prim'istanza u professjonisti li qed jassistu lill-mittenti, ilkoll sabiex jixhdu dwar fatti rilevanti ghall-kaz;
5) Xhieda ohra permessi mil-ligi huma minn issa riservati.

FL-ahhar lok, u ghal kull buon fini, nikkonferma illi l-mizata relattiva thallset skont ma' jidher ahjar mill-ircevuta hawn annessa. Bl-istess mod, qed tigi annessa kopja tad-*decision notice* relattiva.

**Dr. Damian Bigeni LL.D.**
74/1, Triq George Borg Olivier,
Victoria, Ghawdex

cc. il-klijenti